**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Omar Musa Ismael**

**Kumpilazzjoni numru 913/2015**

**Illum 29 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omar Musa Ismael** detentur bin-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni ta' Malta 13H-063, billi huwa akkuzat:

1. Nhar is-16 ta' Settembru 2015 ghall-habta tal-22:30 ta' filghaxija, gewwa residenza numru 80, sitwata gewwa Triq Patri Felicjan Bilocca, Marsa, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mahad Hassan Mumin mis-Somalia detentur bin-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 08A-005, wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur tal-Artikli 41(1)(a), 215, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mahad Hassan Mumin mis-Somalia detentur bin-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 08A-005 u dan skond ma ccertifika Dr. Jonathan Zammit MD (Reg. No. 3054) mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-Artikli 215, 217 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza lil Mahad Hassan Mumin, li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-o\propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien u bniet Kap 9, Art 251 B (1).

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u cioe' Mahad Hassan Mumin mis-Somalia detentur tal-pulizija tal-immigrazzjoni 08A-005 jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskopj ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidart:**

Illi l-pulizija bdew jinvestigaw dan il-kaz wara li persuna li soffriet feriti marret ghall-kura l-isptar u kien rilaxxat lilu certifikat mediku li kien jindika li salv kumplikazzjonijiet il-ferita kienet wahda ta' natura hafifa.

Illi l-pulizija rrizultalhom li l-imputat kellu argument ma' kompatrijott tieghu certu Mahad Hassan Mumin mis-Somalia fis-16 ta' Settembru 2015.

Illi meta Mahad Hassan Mumin tkellem mal-pulizija qalilhom li hu ma riedx li jaghmel rapport izda mar ghandhom ghal qalulu mill-isptar biex jaghmel dan.

Illi Mahad Hassan Mumin qal li l-argument li kellhom kien dwar kont pendenti tal-provider tas-servizz tat-television ghaliex huma jghixu flimkien.

Illi l-Qorti waqt is-seduta rat li din il-ferita nghalqet ghal kollox u m'ghadiex tidher.

Mahad Hassan Mumin qal lill-Qorti li hu kien hafer lill-imputat, baqghu hbieb, kien argument ta' darba u ma jridx li jixhed dwar il-fatti tal-kaz biex ma jinkriminax ruhu.  Mahad Hassan Mumin irrinunzja ghal dak rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

F'dan l-istadju l-Qorti widdbitu li meta jkun hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-hbieb m'ghandhom isolvu l-problema billi jkunu vjolenti u wisq aktar m'ghandhom juzaw mezzi li jistghu jikkagunaw danni kbar.  Il-Qorti wissiet li bl-attegjament taghhom spiccaw holqu alarm fost in-nies u li dan l-alarm jaghmel hsara kbira mhux biss lilhom imma ukoll lil persuni ohra li qeghdin jinghataw kenn f'Malta.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil- kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz kien jiddependi hafna minn dak li kellu xi jghid Mahad Hassan Mumin li kien l-uniku xhud li seta' jaghti dettalji dwar x'gara dakinnhar tal-incident izda ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu ghaliex kif hareg mis-sottomissjonijiet finali deher li l-imputat rreagixxa ghall-aggressjoni li kien qieghed isoffri.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti mhix f'pozizzjoni li tikkundanna lill-imputat.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant

ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Decide**

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 41(1)(a), 215, 217, 218, 221 u 251B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sikkina esebita' fl-atti.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**